

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.4909 — Nissan Forklift/Atlet)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2007/C 226/08)

1. Fis-7 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Nissan Forklift Europe B.V. ("Nissan", l-Olanda, ikkontrollata minn Nissan Motor Co Ltd) takkwista, fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3 (1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll sħiħ ta' Atlet Aktiebolag ("Atlet", l-Iżvezja) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet tan-negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— Nissan: trakkijiet tal-forklift, tagħmir ta' l-imħażen,

— Atlet: tagħmir ta' l-imħażen.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart jjiem wara d-data ta' din il-publikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (numru tal-fax (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.4909 — Nissan Forklift/Atlet, f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.